Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 52**
**Tlieta  25 ta'April**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-5:45 pm.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi :  Kunsillier
Margaret Baldacchino Cefai :  Sindku
Romina Galea :  Viċi Sindku
Maurice Agius :  Kunsillier
Jean Claude Borg :  Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop :  Kunsillier
Emanuel Brincat :  Kunsillier
Alfred Farrugia :  Kunsillier
Renald Camilleri :  Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella :  Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**52.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

52.1.01 Il-kunsilliera kollha kienu preżenti.

**52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

52.2.01 Il-Minuti tas-Seduta L8-51 ittieħdu bħala moqrija.
Kien hemm korrezzjoni fil-minuti 51.4.11 u 51.5.01
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**52.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

52.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai filwaqt li tkellmet dwar il-laqgħa pubblika li kienet imsejħa fil-5:30 pm qabel is-seduta tal-kunsill li għaliha ma'kienx hemm attendenza u poġġiet ukoll fuq il-mejda ir-rapport Amministrattiv Annwali għas-sena 2022 li ttieħed bħala moqri. Hawn staqsiet lil kunsilliera preżenti jekk hemmx xi affarijiet li jixtiequ kjarifika jew jitkellmu dwarhom.

Ma' kienx hemm affarijiet oħra dwar ir-rapport Amministrattiv Annwali u ghalhekk għadda unanimament.

52.3.02 B'referenza għal-minuti 48.3.04, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-ġemellaġġ mal-villagg ta' Buscemi go Sqallija li ġie mplimentat bejn l-14 u s- 16 ta' April permezz ta' finanzjament tal-UE minn fondi (€7, 930.00) taħt il- programm dwar Iċ-ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV). Hawn għarrfet lill kunsilliera preżenti li apparti ftit dewmien li kien hemm minħabba d-distanza tal-vjaġġ ta' kuljum minn u lejn Catania l-iskeda ġiet konkluża skond il-programm li kien suċċess fejn kompliet tagħti xi dettalji fil-qosor.

**52.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

52.4.01 B'referenza għal- minuti 51.3.01 dwar l-iskemi maħruġa mid-Direttorat għal Strateġija u Implimentazzjoni tal-Policy, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li ma hux possibbli li jiġu mfassla proposti għal programm holistiku bi stimi għal Skema SPI/SCI/01/2023 relatata ma' Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024 sabiex issir applikazzjoni sad- data tal-għeluq - l-Erbgħa, 26 ta' April 2023. Filwaqt li ma hemmx bżonn għal servizz ta' manutenzjoni fil-Librerija kif deskritta f' SPI/SCI/02/2023 li tagħlaq il-Ġimgħa, 28 ta' April 2023.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar SPI/SCI/03/2023 - Espressjoni ta' Interess: The World Clean Up Campaign 2023 sabiex il-Kunsill jikkunsidra fejn jew x'jista' ssir sabiex iwassal il-proposti tiegħu sal-15 ta' Ġunju 2023. Filwaqt li għal SPI/SCI/05/2023, l-uniku proġett Infrastrutturali li ġie mwettqa mill-Gvern Ċentrali huwa dak ta' Wesghet il-Kunsill Lokali.

Il- kunsilliera preżenti ddiskutew dwar x'postijiet fejn tista' ssir Clean up Campaign iżda ma' kienx hemm deċiżjoni.

52.4.02 B'referenza għal minuti 44.5.14, is-Sur Jean Claude Borg staqsa jekk hux possibbli li ssir is-sistema ta' skan fejn wieħed jista' jikseb aċċess għal-informazzjoni dwar it-triq.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li l-idea ġa ġiet diskussa mal-iżviluppatur li jista' jagħmel is-sistema fejn dan spjega li din tista' tkun żviluppata sakemm jinstab materjal addattat għal QR Code li jrid ikun uniku għal kull triq u jiflaħ sew għal ambjent ta' barra bħal eżempju ċeramika li trid tara kemm se tkun tiswa.

Is-Segretarju Eżekuttiv żied jispjega li fil-mument id-Dipartiment għal- Gvern Lokali għaddej bil-proċess li qed jiżviluppa sit Web ġdid li se jkun uniformi ghat- 68 Kunsilli Lokali. Hawn għarraf lill kunsilliera preżenti li waqt laqgħa li saret apposta fejn kien hemm preżenti wkoll is-Sindku ġie spjegat li ma' tistax ssir konnessjoni ma' xi affarijiet li hemm fis-sit kurrenti jew l-App minħabba li dawn huma operati permezz ta' pjattaforma differenti li tkun amministrata minn terzi li b'hekk ma' jkunx jista' jintuża. Għalhekk għad trid ssir laqgħa mal-iżviluppatur sabiex il-kunsill jara sew x' tfisser u dwar x'jista' jsir sabiex jittrasferixxi jew jaddatta li hemm għal-fuq is-sit il-ġdid.

52.4.03 B'referenza għal minuti 51.4.04, dwar il-ħsara li saret fuq il-bankina biswit iċ-ċentru parrokkjali, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li kellu laqgħa ma'rappreżentant tal-iżviluppatur fuq il post fejn dan talab stima tal-ħsarat. Ma dawn intalbet stima oħra sabiex l-iżviluppatur jirranġa l-art fejn saret l-istess kostruzzjoni go Sqaq Johnny Catania u li tinkludi l-bollard li instabet nieqsa. Saret ukoll referenza għal minuti 51.5.18 biex kompla jispjega, li marru ukoll go siti l-oħra fi Triq Clarence u Triq il-kunċizzjoni fejn ir-rappreżentant ħa'nota iżda ssuġġerixxa biex l-kunsill jagħmel kuntatt ma' kollega ieħor li kien inkarigat għalihom għax ma' jixtieqx jidħol fihom. Għalhekk minħabba li dawn in-nuqqasijiet tal-aħħar ilhom ikarkru snin hemm bżonn li l-ewwel il-kunsill jikteb lil PA sabiex jitlob biex tinżamm il-garanzija filwaqt li jekk b'dan mhux se tissolvi l-problema l-kunsill għandu jikkunsidra biex jiddelega l-avukat biex jibda l-proċess li jittieħdu passi legali kontra l-iżviluppatur.

52.4.04 B' referenza għal minuti 50.4.10, is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar l-attivitajiet li saru għal perjodu tal-Ġimgħa Mqaddsa fejn iddeskriva l-purċissjonijiet bit-tfal tal-iskola bħala suċċess iżda stenna li jkun hemm aktar interess mill-pubbliku għal-esibizzjoni tal-vari ġol- bini amministrattiv. Tkellem ukoll dwar il-pass li jmiss u talab sabiex il-kunsill jikkunsidra li jkun hemm vestwarju addatta għall-purċissjoni tat-tfal.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li l-proposta għanda tkun kunsidrata għal aktar diskussjoni iżda ma kienx hemm deċiżjoni.
Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem dwar il-purċissjoni fejn kien osserva kif ta' tfal li huma x'kienu qed jagħmlu bil-forċina li tgħatu x' jaħseb sew minħabba li jista' jkun hemm periklu. Hawn spjega li barra li trid tkun attent sew dawn it-tfal u anke l- adulti li jkun hemm magħhom jista' ma jkunux jafu eżatt kif din trid tinżamm soda għalhekk qed jissuġġerixxi li mal-forċina ikun hemm xi tip ta' sieq ċatta li tgħin biex tinżamm dritta. Tkellem ukoll dwar il-vestwarju fejn spjega li l-proposta jista' jkun possibbli li tiġi mplimentata sakemm jkun hemm ġa pjan holistiku mfassal lest għal dak kollu li hemm bżonn u komplut bi stima li tista' tiġi aġġornata sabiex mal-ewwel opportunita' li toħroġ xi skema għal fondi kulturali, il-kunsill jkun preparat biex japplika fi żmien li jkun hemm.

52.4.05 B'referenza għal minuti 51.5.01 dwar it-talbiet dwar danni minn żewġt inċidenti separati, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li għadda kollox lill avukat biex jagħti tweġiba legali.

52.4.06 B'referenza għal minuti 51.5.02 dwar it-talba dwar danni kawżati fuq vettura li kienet ipparkjata go Triq Oscar Zammit, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li għadda kollox lill avukat biex jagħti tweġiba legali.

52.4.07 B'referenza għal minuti 51.4.08, is-Sur Maurice Agius staqsa dwar jekk kienx hemm xi żviluppi dwar is-sistema għal- ilma tax-xita gox-Xatt Ta' Xbiex.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li x-xogħol għandu jibda fil-ġimghat li ġejjin bl-ewwel fażi tkun mil-kulverts ta'ħdejn il-knisja

52.4.08 B'referenza għal minuti 51.4.05 u 51.5.03, is-Sur Maurice Agius tkellem dwar ir-responsabiltà għas- Servizzi tal-Indafa fejn kif ġie spjegat lilu mis-Sindku jekk ikun hemm xi problema relatata ma'dawn is-servizzi għandu jikkomunika ma' l-impjegat tal-kunsill inkarigat sabiex jgħaddi kollox lill-kuntrattur konċernat. Hawn staqsa kif qed ssir meta jkun hemm xi problema mill- ġbir ta' skart domestiku sabiex ssir kuntatt mal-kuntrattur meta ma'jkunx hemm l-impjegat bħal eżempju s-Sibtijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega x'jagħmel kull meta jirċievi jew jara xi komunikazzjoni bħal eżempju nhar Sibt il-Għid fil- WhatsApp tal-kunsilliera dwar l-abbużi go Triq Esperanto. Hawn kompla jispjega kif din l-informazzjoni jaqbad u jgħaddiha mal-ewwel fuq il-grupp WhatsApp li huwa relatat mal-kuntratt ta' ġbir ta'skart domestiku sabiex il-kuntrattur jieħu ħsieb sa fejn jista' filwaqt li r-Regjun ikun ukoll dejjem infurmat.

52.4.09 B'referenza għal minuti 51.5.07, dwar il-bollards go Triq il-Wied, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret talba oħra sabiex Infrastructure Malta żżid u testendi ma'dawk li ġa installat għaliex xorta għad hemm vetturi li qed jagħmlu U Turn lejn Triq Omm Sidna.
Is-Sur Maurice Agius ssuġġerixxa li biex ikun evitat il-periklu, il-bollards għandhom ikunu jestendu sew l-isfel bħal ma tara go toroq arterjali oħra.

52.4.10 B'referenza għal minuti 51.5.08, dwar il-bollards li hemm mgħawwġa jew nieqsa fi Triq Mons D'Andrija k/m Triq Dargens, Is-Segretarju Eżekuttiv għamel kuntatt ma'rappreżentat u talab biex l-Għaqda tad-Dgħajjes trodd lura il-bollards li kien hemm qabel ma' beda l-proġett tal-promenade quddiem l-iskall.

52.4.11 B'referenza għal minuti 51.5.09, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li t-tabelli bl- iskeda tal-iskart il-ġodda waslu u se jibdew jerġgħu jeħlu fejn kienu.

52.4.12 B'referenza għal minuti 51.5.10, is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar avveniment sportiv relatat mal-European Region of Sports fejn l-attività Mind the Gap Skateboarding li saret nhar it-22 ta' April go Misraħ San Guzepp intlaqghet tajjeb ħafna.

Is -Sur Nicholas Chircop tkellem dwar l-avveniment sportiv li jmiss Active in the Square li se jsir nhar it-28 ta'April go Misraħ San Guzepp fejn spjega li din se tinkludi Badminton, Handball, Yoga, Zumba, Football u Bouncing Castle. Hawn kompla jispjega li se jkun hemm bżonn ukoll ta' ambulanza u xi ilma li se jkunu finanzjati mill-iskema b'kollaborazzjoni mar-Regjun Lvant relatata mal- European Region of Sports, filwaqt li se jkun hemm għaddejja wkoll ġabra għal flus b'risq il-Puttinu Cares.

52.4.13 B'referenza għal-minuti 51.5.13, is-Sur Renald Camilleri tkellem dwar ix-xogħol ta'manutenzjoni li sar fuq bankina ta' Triq il-Prinċipessa Margaret fil parti bil-pave fejn hemm il-planters li issa ġiet ferm aħjar.

52.4.14 B'referenza għal minuti 51.4.03, dwar ix-xogħol ta' IM go Triq Clarence, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li matul ix-xahar ta' April beda jingħata it-tarmak.

Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar il-parti tat- triq li hemm ħdejn il- Museum tas-subien minn Triq ix-Xatt tal-Imsida sa faċċata ta'fejn kien hemm id-dar tal-anzjani jekk hiex ser issir.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan il-proġett huwa pjanat li jwassal sal-pjazza fejn hemm l-isptar San Luqa iżda għadu mhux ċert dwar din il-parti minħabba li waqt laqgħa mhux relatata ma'dan il-proġett ingħata x'jifhem li WSC għad trid tagħmel xi xogħol f'servizzi ġol-parti tal-parkeġġ li hemm wara il-gabbana ta' Triq Xatt l-Imsida. Għalhekk sakemm din l-informazzjoni mhux uffiċjali hemm bżonn li jerġa jivverifika mal-perit tal-IM inkarigat mill-proġett li għaddej fil- mument sabiex tikkonferma sa fejn qed tieħu ħsieb.

52.4.15 B'referenza għal minuti 51.5.14, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret l-applikazzjoni ma' TM sabiex Triq Dun Andre tkun One way direzzjoni lejn Triq il-Wied.

**52.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

52.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar xi anomaliji li hemm fil-konfini bejn il-kunsilli lokali bħal Triq il-Knisja (Imsida) li tasal sa' kantuniera ma' Triq Antonio Sciortino li minn hemm jinbidel l-isem għal Triq Patrick Holland fejn spjegat li fir-reġistru elettorali din tiġi ma' Ta'Xbiex iżda fejn hemm il-parti li tasal sa' k/m Triq il-Kosbor tinsab fil-konfini tal-Imsida. L-istess hemm ukoll Triq l-Università li skond il-konfini mal-Gzira tasal sa k/m Triq Salvu Azzopardi jew Triq Bieb it-Torri li tasal sa k/m Triq E.H.Furse. Barra dawn hemm ukoll Triq San Ġwann tal-Għorghar li biex jingħata servizz trid tasal għaliha minn go toroq ta' San Ġwann. Għalhekk hemm bżonn biex il-kunsill jara eżatt x'hemm u jitlob lill awtoritajiet konċernati sabiex issiru l-emendi neċessarji.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

52.5.02 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar l- istaġun pożittiv li kellu l-Club tal-Football fejn irnexxielu jasal għal promozzjoni għalhekk bħal ma' sar ma' għaqdiet oħra qed jipproponi biex tinsab ġurnata addattata fejn it-Trofew tkunu tista' tiġi esposta għar-residenti fil-bini tal-kunsill u tkun preżentata plakka tal-okkażjoni bħala apprezzament.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li dan għandu jkun waqt l-eqreb attività li jmiss f'Lulju waqt is-serata għal Jum L-Imsida.

52.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar ix-xogħol ta' rikostruzzjoni go Triq L. Zamenhof u Triq ta' Xmiexi li qed issir minn Infrastructure Malta fejn spjegat li hemm is- central strip li ġie propost biex minflok ssir roundabout żgħira iżda li kien hemm ukoll xi residenti li talbu li xorta jkun hemm planter go l-art fic-ċentru tagħha.

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-viżwali tal-pjanta proposta waqt li l-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

Is-Sur Alfred Farrugia tkellem ukoll dwar id-dawl f'Triq ta'Xmiexi li ilu bosta ġranet maqtugħ minħabba x-xogħolijiet u staqsa jekk hux possibbli li almenu jsir xi dawl proviżorju.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota biex jivverifika mal-perit ta' Infrastructure Malta dwar il-qtugħ u x'jista' ssir.

52.5.04 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar il-kartolina tal-anzjani fejn spjega li kif fis- sena preċedenti kien llmenta li din waslet tard din id-darba ġiet fi żmien tajjeb.

52.5.05 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar ir-rampa mal-parkeġġ għal persuni b'diżabilità go Triq Mons Falzon fejn spjega li l-aċċess għaliha qed ikun kemm il-darba ostakolat minħabba vetturi quddiema għalhekk hemm bżonn li jsiru jew bollards jew linji sofor doppji magħha. Tkellem ukoll dwar il-linji sofor oħra li hemm aktar l-isfel li ma għadhomx jidhru sabiex jingħataw iż-żebgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

52.5.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda koppja Rapport Finanzjarju Awditjat għall-perjodu Jannar sal-aħħar ta' Diċembru 2022.

L-Accountant is-Sinjura Romina Perici Ferrante waslet tagħrif dwar il-kontenut tar-rapport fejn spjegat li waqt il-proċess kien hemm xi emendi fejn fuq parir tal-awdituri ġew ttrasferit u rappurtati f' kont differenti. Għalhekk ir-rapport fil-kontenut wasal sabiex is-surplus finanzjarju għas-sena 2022 żdied minn €15,442 għal €24,571.

52.5.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda koppja Rapport Finanzjarju Trimestri għall-perjodu Jannar sal-aħħar ta' Marzu 2023.

L-Accountant is-Sinjura Romina Perici Ferrante waslet tagħrif dwar il-kontenut tar-rapport fejn spjegat in-nefqa rikorrenti li hija relatata mas-servizzi li l-Kunsill huwa obbligat li jagħmel skont l-Artikolu 33 tal-Att dwar Kunsilli Lokali. Hawn għamlet spjegazzjoni fid-dettalji ta'dħul mqabbel mal-ħruġ u dwar il-bilanċ mwarrab f'riserva. Għalhekk dan il-perjodu finanzjarju għalaq b'bilanċ pożittiv ta' 64% tal-allokazzjoni annwali li tiġi mgħoddija mil-gvern. Spjegat ukoll li sabiex il-kunsill jasal għal l-objettiv tiegħu jrid jżomm għajnejh fuq l-infiq u jevita kull ħaġa li ma tkunx konformi mal-Baġit u l-Pjan tan-Negozju.

Il-kunsilliera preżenti approvaw unanimament.

**52.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat**

Ma'kienx hemm rapporti

**52.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;**

52.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-52 ta’ ħlasijiet bejn l -28 ta'Marzu u l-25 ta'April 2023.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew l-iskeda li ġiet proposta mis-Sur Emanuel Brincat u s-sekondat mis-Sur Charles Selvaggi.
Il-Kunsilliera preżenti approvaw l-iskeda unanimament.

**52.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

52.8.01 Il-laqgħa ntemmet fiis7:25 ta' filgħaxija, u seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 30 ta' Mejju fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti konfermati, illum 30 ta' Mejju 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai<br>Sindku | Alan Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |